# *Animazzjoni – Id-Disa' u Għoxrin Ħadd ta' Matul is-Sena (Sena Ċ)*

**<u>Dħul:</u>**

Illum il-Knisja tiċċelebra Jum il-Missjoni, f'din il-quddiesa nitolbu għal missjunarji biex ikomplu jxandru lil Ġesù. Illum Ġesù fl-evanġelju jurina b'mod ċar li n-nisrani irid ikun bniedem li jipersisti fit-talb, għalhekk ejjew illum nitolbu lil Ġesù biex itina d-don tal-perseveranza, filwaqt li nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**<u>Qari:</u>**

Fl-ewwel qari naraw kif kull meta Mosè kien jerfa' jdejh, Iżrael kien jirbaħ, San Pawl imbgħad jurina l-importanza u l-valur tat-Testment il-Qadim, fl-evanġelju naraw ir-rakkont tal-armla li tibqa' tipersisti biex l-Imħallef jaqta' l-ġudizzju. Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**<u>Salm Responsorjali:</u>** L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej.

**<u>Offertorju:</u>**

Waqt dan il-mument inressqu l-offerti tagħna bi spirtu ġeneruż, filwaqt li inkantaw flimkien.

**<u>Tqarbin:</u>**

Issa se nirċievu lil Ġesù, ejjew illum lil Ġesù nitolbuh biex, lil missjunarji li jinsabu fid-dinja kollha jagħtihom l-grazzji u l-għajnuna li għandhom bżonn, biex ikomplu l-missjoni tagħhom. Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.